## KUNSILL LOKALI ISLA

## IR-RABA' KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU TMIENJA U ERBGĦIN

Il-laqgħa tal-Kunsill li kellha ssir nhar it-Tnejn 21 ta' Marzu, 2005 fis-6.00pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill f'numru 197, Triq San Ġużepp, Isla.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 0 | | |

### AĠENDA

(1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Rapport Amministrattiv 2004 / 2005.
(4) Tagħrif dwar iċ-Ċerimonja tal-Ġurament tal-Ħatra.
(5) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' ordnijiet ta' pagamenti.

## 48 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

48(1).1 Fuq proposta tal-Kunsillier Reno Chircop issekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva il-Minuti tal-Laqgħa Numru 47 nem con kif ippreżentati.

## 48 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Joseph Casha ta tagħrif dwar il-ħidma u laqgħat li saru mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill (Numru 47).

48 (2).1 Servizz ta' Trasport għal BOV - Bormla (24/02/05)

Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-Manager tal-BOV, Bormla. Sar qbil li l-Kunsill jibda jwettaq servizz ta' trasport mill-Isla għall-BOV, Bormla kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis bejn l-10.00 u l-11.30am, b'effett mid-29 ta' Marzu, 2005. Dan ser isir bi prova għal xahar.

48 (2).2 Mappa Turistika tal-Kottonera (24/02/05)

Din il-mappa turistika li saret bil-ħidma tal-Kumitat Konġunt tal-Kottonera ġiet inawgurata fi Ġnien il-Gardjola. Is-Sindku Joseph Casha għamel diskors ta' l-okkażjoni.

48 (2).3 Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera (04/03/05)

F'din il-laqgħa s-Sindku nsista mal-Kordinatur Eżekuttiv biex il-ħlasijiet pendenti li huma dovuti lill-Kunsill, (J. B. Azopardo u Niċċa Sant'Anna) jitħallsu.

Is-Sindku stqarr li qed jistenna l-Minuti ta' din il-laqgħa għax huwa nfurmat li wara li huwa telaq minn din il-laqgħa membru minn dan il-Kumitat ikkummenta fin-negattiv dwar ix-xogħlijiet li għandhom isiru fl-Isla.

Il-Kummenti tiegħu jerfagħhom għal wara li jkun ikkonsulta ruħu mal-minuti.

48(2).4 Seminar

Saru diversi seminars u attivitajiet mill-Fondazzjoni Ġuże' Ellul Mercer fis-Sala tal-Kunsill.

48 (2).5 Fuel Station - 4986/00 u Club House - 4988/00 (17/03/05)

Is-Sindku Joseph Casha, l-Viċl Sindku Walter Ahar u l-Kunsillier Reno Chircop attendew għal Public Consultation Meeting mill-MEPA dwar dawn Iż-żewġ applikazzjonijiet biex isiru fix-Xatt ta' l-Isla. Dawn ġew rifjutati għat-tieni darba.

48 (2).6 Jum ta' Premjazzjoni - Skola Primarja Dom Mauro Inguanez (17/03/05)

Is-Sindku Joseph Casha, l-Viċl Sindku Walter Ahar u l-Kunsillier Reno Chircop attendew għal din l-attivita' fl-Iskola primarja ta' l-Isla. Is-Sindku għamel preżentazzjoni f'isem il-Kunsill lil student għall-imġieba tajba.

48 (2).7 "Imħabba għall-Qari" (18/03/05)

Is-Sindku Joseph Casha attenda għall-iffirmar ta' dan il-proġett bejn l-FES u d-Dipartiment tal-Libreriji Pubbliċi. Din lċ-ċerimonja saret fil-Forti Sant'Anġlu.

48 (2).8 Attivita' Queen's Own Band Club (20/03/05)

Is-Sindku Joseph Casha u l-Kunsillier Reno Chircop attendew għal kunċert ta' Marċi Funebri mtella' minn din is-Soċjeta' Filarmonika. Is-Sindku Joseph Casha għamel diskors ta' l-okkażjoni.

48 (2).9 Ftehim Kollettiv - Segretarji Eżekuttivi

Jidher li hemm tilwima bejn l-AKL u l-ASKLM dwar il-ftehim kollettiv li kien ġie ffirmat bejn iż-żewġ naħat f'Settembru, 2004. Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali huwa nfurmat u parti mid-diskussjonijiet li għaddejin fuq dan is-suġġett.

48 (2).10 Għajnuna minn Bezzina Ltd

Wara diversi interventi mis-Sindku Joseph asha, il-kumpanija Bezzina Ltd għaddiet is-somma ta' Lm 300 lill-Kunsill bħala kumpens għall-faċilitajiet li ngħataw mill-Kunsill waqt il-ħidma tagħhom fil-promenade (Xatt) ta' l-Isla.

## 48 (2).11 Korrispondenza

Lista tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn il-21 ta' Frar u t-18 ta' Marzu, 2005 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/0435/05/I Kotba mill-Awstralja*

Il-kotba mibgħuta minn Edward Fabri għadhom ma' waslux. Għandha tintbagħtlu email.

*04/0436/05/I Memo 6/2005*

Il-Kunsill irċieva memo dwar Iċ-Ċerimonja tal-Ġurmanet tal-Ħatra tal-Kunsill fid-29 ta' Marzu, 2005.

*04/0437/05/I Memo 7/2005*

Memo mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-Att li jemenda l-Att dwar il-Kunsilli Lokali.

*04/0453/05/I Resurfacing - Triq Iż-Żewġ Mini, Triq San Franġisk u Triq il-Ponta*

Ittra mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma dwar meta ser jibda x-xogħol mill-Kunsill fuq dawn it-toroq. Din għandha tiġi deċiża mill-Kunsill il-ġdid.

*04/0455/05/I Ittra AKL (Sage Accounting - Software Update)*

L-AKL qed jinkoraġixxu lill-Kunsilli biex japplikaw għal dan is-software kemm minħabba l-vantaġġi finanzjarji offruti u kemm bħala software to date. Il-Kunsill qabel li dan jinxtara.

*04/0459/05/I Audit - 31 ta' Marzu, 2005*

*L-awdituri tal-Gvern MGI Malta infurmaw lill-Kunsill kif ser jitrattaw l-Audit Annwali.*

*04/0464/05/I Applikazzjoni għal Reserved Parking*

Il-Kunsill irċieva mill-ADT, il-proċedura kif għandha ssir applikazzjoni għal Reserved Parking.

*04/0466/05/I Devoluzzjoni ta' Flood Lighting / Zebra Crossing*

Ċirkulari AKL/13/2005 dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq.

*04/0476/05/I Konkors għaż-Żgħażagħ*

Patrijiet Agostinjani qed iniedu konkors għaż-żgħażagħ bħala ċelebrazzjoni mis-700 sena mill-mewt ta' San Nikola minn Tolentino. Data ta' l-egħluq hija l-21 ta' Mejju, 2005.

*04/0480/05/I Business Plan - Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera*

Il-Kunsill irċieva l-Business Plan tal-Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera 2005 - 2007.

*04/0487/05/I Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma - Trenching Permit System*

Qed tinforma lill-Kunsill biex meta jsir xogħol mill-kuntratturi dawn jimxu ma' l-ispecifications u regolamenti tal-Korporazzjoni.

*04/0492/05/I Devoluzzjoni ta' Mħażen Biswit ill-Maċina*

Kopja ta' ittra li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat lit-Taqsima Propjeta' tal-Gvern dwar is-suġġett imsemmi.

*04/0507/05/I Kuntratti / Skritturi mhux skond il-Liġi*

Id-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat Memo 08/2005 bit-tagħrif dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq.

*04/0526/05/I Public Garden - Triq il-Ħabs L-Antik*

Il-Mepa approvat l-applikazzjoni li ressaq il-Kunsill pero' trid titħallas multa ta' Lm 184.00 minħabba t-tibdil li kien sar fil-pjanti oriġinali.

*04/0545/05/I Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera*

Il-Minuti ta' Laqgħa Numru 4 mehmuża.

*04/0564/05/I* *Stedina Queen's Own Band Club*

Il-Kunsill ġie mistieden għal programm ta' Marċi Funebri minn din il-Banda għal nhar il-Ħadd 20 ta' Marzu, 2005 fis-7.00pm fil-Knisja Parrokkjali.

*04/0580/05/I* *MTA Fireworks Festival*

Dan il-Festival ser isir bejn l-20 u t-30 ta' April, 2005.

*04/0583/05/I* *EU - Network Project*

Il-Kunsill irċieva tagħrif dwar il-ħidma ta' l-isteering committee li ser isir bejn is-16 u t-18 ta' Marzu, 2005 f'Hamm fil-Ġermanja.

*04/0595/05/I* *Misraħ Andrea Debono*

Il-Kummissjoni Persuni B'Diżabilita' kienet favorevoli għal din l-applikazzjoni tal-Kunsill basta l-bandli jkunu aċċessibbli għal kullħadd.

*04/0596/05/I* *Moll tax-Xatt - Sliema*

Skond PQ 10944 ta' l-Onor. Chris Agius, il-ħsara li ġrat fil-moll tax-Xatt tas-Sliema ġrat qabel Diċembru, 2003 u ġiet imsewwija f'Ġunju, 2004 għall-ispiża ta' Lm 4, 328.95ċ.

*04/0605/05/I* *Fuel Station - PA4986/00, Club House PA 4988/00, fix-Xatt ta' l-Isla*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-MEPA ser lżżomm laqgħa pubblika nhar il-Ħamis 17 ta' Marzu, 2005 fil-11.30am biex jiddiskuti l-applikazzjonijiet hawn fuq.

Dawn l-applikazzjonijiet ġew rifjutati mill-MEPA.

*04/0608/05/I* *FES - Dipartiment tal-Libreriji Pubbliċi*

Il-Kunsill irċieva stedina biex jattendi għal proġett ta' parteċipazzjoni ta' qari fost iż-żgħażagħ nhar il-Ġimgħa 18 ta' Marzu, 2005 fil-Forti Sant'Anġlu.

Is-Sindku Joseph Casha u l-Kunsillier Reno Chircop attendew.

*04/0614/05/I* *Via Sagra RTK*

Il-Kunsill ġie nfurmat dwar Via Sagra Nazzjonali li ser titella' mill-RTK fil-Kottonera nhar l-Erbgħa 23 ta' Marzu, 2005. Il-Kunsill qed jikkopera u qed jagħmel l-arranġamenti meħtieġa.

*04/0618/05/I* *Laqgħa ta' Nformazzjoni (Littering Regulations)*

Is-Sindku Joseph Casha u l-Viċi Sindku Walter Ahar ser jattendu għal din il-laqgħa nhar l-Erbgħa 30 ta' Marzu, 2005 f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, il-Belt Valletta.

*04/0620/05/I* *Culture Tracks*

Il-Kunsill ġie nfurmat li bl-indirizz ta' l-M. C. Escher Foundation sabiex jagħmel kuntatti magħhom.

*04/0637/05/I* *Akkwist ta' Art*

Il-Kunsill irċieva dikjarazzjoni tal-President ta' Malta dwar akkwist ta' Art fl-Isla. Dawn ser jitwaħħlu fin-Notice Boards tal-Kunsill.

*04/0640/05/I* *Merħba Sign - HSBC / Kunsilli Lokali*

Is-Sindku nforma lill-HSBC li mhjux kuntent kif saret il-Merħba sign dwar il-ġemellaġġ ma' Cassino. Ġie ssuġġerit biex il-Kunsill jikteb lill-HSBC dwar dan.

*04/0655/05/I* *Website tal-Kunsill - AKL/Ċirk/15/2005*

Il-Kunsill wieġeb għat-talba ta' tagħrif dwar il-website ta' dan il-Kunsill.

*04/0663/05/I* *Tiġdid tal-Kuntratt tas-Segretarji Eżekuttivi*

Id-Direttur għall-Gvern Lokali informa lill-Kunsilli li l-Kuntratti tas-Segretarji Eżekuttivi jiġġedded b'sena b'effett immdejat.

## 48 (3) Rapport Amministrattiv 2004 / 2005

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-Rapport Amministrattiv għas-Sena 2004 / 2005.

48 (3).1 Billi dan ir-rapport kien tqassam lill-Kunsillieri minn qabel ġie meħud bħala moqri.

48 (3).2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, Ir-Rapport Amministrattiv ġie approvat kif ippreżentat biex ikun jista' jitressaq l-għada t-Tlieta fil-laqgħa pubblika annwali.

*Nota :* *Il-Kunsillier Charmaine Gerada daħlet għal-laqgħa tal-Kunsill fis-6.35pm.*

## 48 (4) Tagħrif dwar iċ-Ċerimonja tal-Ġurament tal-Ħatra

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita għaċ-Ċerimonja tal-Ġurament tal-Ħatra li ser issir nhar it-Tlieta 29 ta' Marzu, 2005 fl-Aula Magna fl-Iniversita' l-Qadima fil-Belt Valletta.

48 (4).1 Kopja tal-proċedura mehmuża.

*Nota : Il-Kunsillier Mario Mizzi daħal għal-laqgħa tal-Kunsill*

## 48 (5) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' ordnijiet ta' pagamenti

Fuq proposta tal-Kunsillier Reno Chircop issekondat mill-Viċl Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva l-ħlas ta' pagamenti (Lm 8, 479.77ċ + Lm 5, 851.06ċ) għall-ammont totali ta' Lm 14, 330.83ċ.

Il-laqgħa ġiet iddikjarata magħluqa fis-7.35pm.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ______________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________ ______________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv